# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, it-Tnejn, 22 ta' Jannar, 2024.**

**Kawza Nru: 32**

**Rikors Nru: 32/2021 ISB**

**Unitrade Limited (C 9456) u Joseph Vincent sive Jovan Mizzi (KI 340061M)**

**vs**

**Desmond Mizzi (KI 465463M)** u

**D.M. Holdings Limited (C 8404)** u

**Mizzi Group Limited (C 21948)** għal kull interess li jista' jkollha

**DAN huwa digriet mogħti fil-miftuħ waqt is-seduta tal-lum dwar rikors mressaq mir-rikorrenti Unitrade Limited tat-2 ta' Novembru 2023 li jinsab a fol 392 tal-proċess.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Unitrade Limited et tat-2 ta' Novembru 2023, fejn wara l-premessi hemmhekk magħmula, talbu lill-Qorti sabiex:

*Taghmel u taghti dawk l-ordnijiet permezz ta' provvediment jew provvedimenti interim bl-iskop li ma jinholoqx pregudizzju irrimedjabbli lill-Kumpannija jew lil xi membri inkuz u b'mod partikolari, li pendenti l-ezitu finali ta' dawn il-proceduri:*

i. *Tordna lill-intimat Desmond Mizzi sabiex jieqaf jagixxi fuq l-iskorta tas-Surroga minnu ottenuta fl-2010 u milli jkompli bil-proceduri tal-bejgh bis-subbasta istitwiti minnhu;*

ii. *Tipprovdi dwar il-hlas tal-bilanc pretiz mill-HSBC, u dwar il-proceduri tal-bejgh bis-subbasta tal-proprjeta' tal-kumpannija mill-Bank HSBC in vista tal-fatt illi hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar l-attribwilita' u l-imputabilita' tal-ammont pretiz mill-Bank HSBC u dwar ir-regolarita' u l-leggitimita' tal-atti ta' kostituzzjoni ta' debitu bejn Desmond Mizzi f'isem il-Kumpannija u tas-Surroga li segwiet;*

iii. *Tordna li sakemm tigi deciza din il-kawza ma jsir xejn li permezz tieghu l-unika proprjeta' tal-kumpannija senjatament il-proprjeta' maghrufa bhala Milleniz fi-Marza tigi trasferita; u*

iv. *Taghti ordnijiet u provvedimenti ohra li jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi sabiex l-ezitu ta' din il-kawza ma jigix ingiustament rez inutile u vanifikat.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-Rikors;

Rat id-Digriet tagħha tat-3 ta' Novembru 2023;

Rat illi l-Bank HSBC kien notifikat fis-7 ta' Novembru 2023 u rat ir-risposta tal-istess Bank tal-20 ta' Novembru 2023;

Rat illi Tonio Zarb kien notifikat fis-7 ta' Novembru 2023 u rat ir-risposta tiegħu tal-21 ta' Novembru 2023;

Rat illi Dr Tonio Fenech kien notifikat fid-9 ta' Novembru 2023 u rat ir-risposta tiegħu tal-5 ta' Dicembru 2023;

Rat ir-risposta tal-intimati tal-5 ta' Diċembru 2023.

## Ikkunsidrat:

Illi dan ir-rikors qiegħed isir fil-kuntest ta' proċeduri *ai termini* tal-Artikolu 402 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta bejn il-kontendenti, inizjalati fit-12 ta' April 2021.

Illi dak li essenzjalment qiegħed jintalab hawnhekk huwa miżura *interim* pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri. Dan id-digriet mhux u m'għandux jiġi interpretat illi qiegħed jiddeċiedi l-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet, peress illi l-Qorti għad trid tesprimi ruħha dwar dak fis-sentenza finali tagħha.

Għalkemm l-Artikolu 402 tal-KAP 386 ma jagħtix espressament lill-Qorti l-għodda biex tagħti miżuri *interim*, hekk per eżempju kif jagħti l-provvediment li jitratta stralċ ta' kumpannija (Art. 219), il-Qorti b'danakollu tikkwota dak illi qalet preċedentement, meta diversament preseduta, fil-każ **Frank Grisar et vs DoLittle & Fishmore Limited et**[1], qalet hekk:

> *In the local scenario, on the strength of various court rulings, there is a consistent acceptance that the Court can grant interim orders or measures while the action filed on the basis of article 402 is still pending.*

Dan premess, il-Qorti żżid tikkwota mill-istess sentenza hawn fuq ċitata, fejn intqal hekk:

> *When an application is filed for the grant of interim measures, the burden rests on the person making the request to prove prima facie that, without interim relief, his rights pending final judgement on the merits of the claim risk further prejudice. In the case under scrutiny it was therefore up to applicants to bring forward satisfactory evidence to enable the Court to consider their request.*
>
> .....................................
>
> *This Court reaffirms the principle that the grant of interim measures is not a matter of course in unfair prejudice proceedings. It is rather exceptional in nature intended primarily to ensure that a status quo is maintained within the company until the dispute between the members of the company is decided by the Court.*

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi essenzjalment, dak li qed jitolbu r-rikorrenti hawnhekk huwa illi tieqaf proċedura ta' subbasta illi hija ordnata mill-Qorti kompetenti peress illi din ser twassal biex tinbiegħ proprjetà tal-kumpannija mertu ta' dawn il-proċeduri. It-talbiet kollha jippernaw mal-istess talba, mal-istess miżura mitluba, illi titwaqqaf il-proċedura ta' subbasta msemmija fir-rikors.

In kwantu l-ewwel talba magħmula, ossia illi din il-Qorti tordna lill-intimat Desmond Mizzi sabiex jieqaf jagixxi fuq l-iskorta tas-Surroga minnu ottenuta fl-2010 u jieqaf milli jkompli bil-proċedura ta' bejgħ bis-subbasta, imma f'sens ukoll it-talbiet suċċessivi peress illi jista' jingħad illi jsegwu l-ewwel waħda, il-Qorti trid tgħid illi jirriżulta mill-atti illi l-bejgħ bis-subbasta kien ordnat mill-Qorti Ċivili kompetenti, mhux biss ordnat fl-ewwel lok, imma addirittura ordnat anke wara proċeduri ta' appell li skrutinaw (vide partikolarment kif ġew trattati t-tielet u r-raba' aggravju) aggravji u lmenti simili illi qed jitressqu hawnhekk.

Ukoll jidher illi kienu diversi l-proċeduri legali meħuda mir-rikorrenti biex jittentaw iwaqqfu tali proċedura ta' subbasta, fuq diversi binarji u b'diversi rikorsi

[1] 1089/2017/1 JZM tal-11 ta' Settembru 2018

differenti, u sakemm dawn fallew, ftit tifhem din il-Qorti għaliex ir-rikorrenti qed jittentaw jaqilbu dawk id-deċiżjonijiet meħuda mill-Qrati appositi b'digriet interim fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Din il-Qorti, permezz ta' dan id-digriet b'ebda mod mhu ser tissindika, tiskrutinja jew agħar minn hekk, tiddeċiedi dwar dak li ġja ġie deċiż, mhux lanqas, mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Marzu 2022.

**Għalhekk illi l-ewwel talba ser tiġi respinta.**

In kwantu l-bqija tat-talbiet mressqa, il-Qorti tirreferi għar-raġunament hawn fuq magħmula, u għall-istess raġunijiet il-Qorti **sejra tiċħad ukoll l-bqija tat-talbiet**. Ċertament illi r-rikorrenti qatt ma messhom ippretendew illi din il-Qorti, f'digriet bħal dan, tidħol fil-vertenza u tipprovdi dwar il-ħlas pretiz mill-Bank HSBC u dwar il-proċeduri ta' subbasta u l-kwistjonijiet kollha ancillara għal dik il-proċedura, meta dawn ġja ġew ampjament trattati u deċiżi mill-Qorti kompetenti.

Il-Qorti tqis ukoll finalment illi r-rikorrenti ma rnexxilhomx jipprovaw sodisfaċentement kif trid il-liġi illi jekk ma jintlaqgħux it-talbiet minnhom magħmula, allura ser ibgħatu xi preġudizzju pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri. F'dan il-kuntest huwa wkoll abbraċċjat l-argument mressaq mill-intimati fis-sens illi dak hawnhekk mitlub ma jikkunfigurax f'dak illi l-liġi trid fir-rigward tat-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija.

**GĦALDAQSTANT,** għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qed tiċħad it-talbiet mressqa bir-rikors ta' Unitrade Limited et tat-2 ta' Novembru 2023.

Spejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**